MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 426/1995/1

**Dottor Richard Vella Laurenti LL.D bhala managing director, ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istazzjon tar-radju "Voice of the Mediterranean" u b'nota tal-11 ta' Marzu 2005 is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin assuma l-atti tal-kawza minflok Dottor Richard Vella Laurenti LL.D**

**v.**

**Louis Hayman**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni prezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' April, 1995, l-attur nomine ppremetta illi bi skrittura privata tad-disgha (9) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), il-konvenut assuma l-appalt li jaghmel ix-xogholijiet specifikati fl-imsemmija skrittura fir-*recording studios* ta' l-istazzjon tar-radju "*Voice of the Mediterranean*" (ara Dok. A) u peress li l-konvenut ghamel xoghol hazin u mhux skond is-sengha tant illi t-tapit ta' l-*istudio* l-kbir kellu jitghatta b' "*acoustic foam*" li kellu jinxtara apposta mill-Istazzjon (ara Dok. B); illi l-attur nomine kien kostrett illi jirrekordja l-programmi tieghu barra l-i*studios* ta' l-istazzjon bl-ispiza tlahhaq is-somma ta' hames mija u erbghin lira Maltija (LM540) (ara Dok. C); illi skond il-paragrafu numru wiehed (para.1) ta' l-imsemmija skrittura privata l-konvenut obbliga ruhu li jipprovdi lill-istazzjon is-"*circuitry*" u d-dokumenti relatati flimkien mad-disinji ta' l-"*istudio console*" (ara para. 3 ta' l-imsemmija skrittura privata), liema obbligazzjoni l-konvenut naqas li jadempixxi u dan minkejja li huwa rcieva minghand l-attur nomine s-somma ta' elf u mitejn lira Maltija (LM1200) bhala hlas miftiehem fl-imsemmija skrittura privata; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara li x-xoghol ezegwit mill-konvenut sar hazin u mhux skond is-sengha;
2. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ta' kull dannu soffert mill-attur nomine u li jigu likwidati l-istess danni u l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur bhala danni dik is-somma li tigi likwidata.

Bl-interessi u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Frar 1995.

B'nota pprezentata fil-15 ta' Novembru, 1995 il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-imsemmija entita` attrici ma ghandhiex personalita` guridika u ghalhekk ma jistax jkollha "*locus standi judicio*". Din l-eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 1997.

2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti esegwixxa x-xoghol ai termini ta’ l-appalt u ai termini tar-regoli ta’ l-arti u s-sengha.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fil-15 ta’ Marzu, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi ddikjarat illi l-konvenut ma ghamilx ix-xoghol li kellu jaghmel skond il-ftehim u kif iridu l-arti u s-sengha, u llikwidat d-danni li sofra l-attur minhabba f’dan in-nuqqas fis-somma ta’ hames mija u erbghin lira (LM540). Ghalhekk ikkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat flimkien ma l-imghax u l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni, w dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-partijiet kienu ftehmu illi l-konvenut jiehu hsieb jaghmel xi xogholijiet, fosthom *wiring* ta’ apparat, dizinji ta’ *console* u supervizjoni ta’ xoghol ta’ njam, hgieg u *aluminium* ghar-*recording studio* ta’ l-attur[2]. Il-konvenut lesta x-xoghol tieghu u thallas mill-attur skond il-ftehim.

“Meta l-*istudio* beda jiffunzjona, il-haddiema ta’ l-attur bdew jaraw illi l-kwalita` tar-registrazzjoni (*recording*) ma kinitx tajba. Biex itejbu l-kwalita` kienu jehtiegu s-*circuit diagrams,* izda l-konvenut, ghalkemm kien marbut bil-ftehim li jaghti dawn id-*diagrams* lill-attur, baqa’ ma tahomlux. L-attur kellu ghalhekk jimxi minghajr dawn id-*diagrams,* u, biex itejjeb il-kwalita` tar-registrazzjoni, kellu jqieghed *acoustic tiles* li gew jiswew tliet mija u sebgha u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (LM327.75)[1]. Sakemm tqieghdu dawn it-*tiles* ma setghux isiru registrazzjonijiet fl-*istudio* u, biex saru barra, l-attur kellu jhallas hames mija u erbghin lira (LM540)[2].

“Barra minn hekk, billi baqa’ minghajr is-*circuit diagrams*, l-attur ghadu jsib diffikulta meta jkun mehtieg li jsiru xi tiswijiet jew titjib fl-apparat[3]. Fost it-talbiet fic-citazzjoni,

[2] Ara ftehim, fol. 6.
[1] Fol. 7.
[2] Fol. 8.
[3] Ara l-affidavit mahluf minn Vincent Degiorgio fil-25 ta’ Marzu 1997, fol. 26.

izda ma hemmx talba biex il-konvenut jikkonsenja dawn id-*diagrams.*

“Dwar il-kwalita` tas-*sound-proofing,* il-konvenut qal illi ma kienx qieghed *acoustic tiles* ghax ma sabx jixtri minnhom fis-suq lokali. Ghalhekk ghamel tapit minflok. Kompla jfisser illi l-kwalita` batiet ghax fl-*studio* ta’ l-attur hemm parti li hija maghluqa bil-hgieg, u dan ma ghandux kwalita` akustika tajba daqs materjal iehor. Hu ma kienx tal-fehma illi jsir dan il-hgieg izda kellu joqghod ghal dak li ried l-attur[4]. Il-konvenut kompla jixhed hekk:

*“Pero` jien assolutament ma’ l-akustika ma kelli assolutament naqsam xejn. Soundproofing hadt l-inkariku illi nidhol, mhux li naghmlu jiena, li nara illi x-xoghol ta’ hgieg u dan isir tajjeb, imma l-akustika ……..qatt ma avvicinani fuq akustika.*[5]*”*

“Fil-fehma tal-Qorti huwa zbaljat l-argument tal-konvenut illi, ghax il-ftehim specifikament isemmi biss *sound-proofing,* mela seta’ ma jiehux hsieb ukoll ta’ l-akustika waqt li jkun qieghed jaghmel is-sorveljanza tax-xogholijiet. Il-hsieb tal-partijiet kien illi l-attur ikollu *recording studio* tajjeb ghall-ghanijiet mahsuba ghalih, u ma jistax ghalhekk il-konvenut ighid illi kien responsabbli ghal *sound-proofing* biss. Barra minn hekk, il-ftehim imkien ma jghid illi l-konvenut kellu jiehu hsieb ta’ *sound-proofing* biss; li jghid illi (*recte* ‘il-’) ftehim hu li l-konvenut kellu jiehu hsieb ta’:

*Supervision of woodwork, aluminium windows on each side double glazed, sound proof aluminium (double sided panelling).*

“Ix-xoghol meta jitlesta’ kellu jkun tajjeb taht kull aspett, mhux biss dak ta’ *sound-proofing.* Barra minn hekk, parti mill-problema ta’ l-akustika kien dovut ghall-fatt illi ma sarx *sound-proofing* sew[6].

4 Ara xiehda tal-konvneut fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 1997, foll. 53 et seqq.
5 Ibid fol. 55.
6 Ara x-xiehda ta’ Vincent Degiorgio fis-seduta ta’ l-4 ta’ Dicembru 1997, fol. 79.

“Il-konvenut ghalhekk naqas meta ma hax hsieb li jsiru *acoustic tiles* meta l-ftehim stess kien jahseb ghalihom. Il-fatt li ma sabhomx fis-suq lokali ma jfissirx li ma setax isibhom minn barra; fil-fatt l-attur stess sab jixtrihom minn barra minn Malta u qal illi ma gabhomx qabel ghax il-konvenut ma qallux li kien qieghed isib diffikolta` biex isibhom[7].

“Naturalment dan ma jfissirx illi l-konvenut ghandu jhallas hu l-prezz ta’ dawn it-*tiles,* ghax li kieku xtrahom meta kellu jixtrihom il-prezz xorta l-attur kien ihallsu. Il-konvenut izda ghandu jwiegeb ghad-danni minhabba fid-dewmien, ghax li kieku gharraf lill-attur mill-bidu biex dan seta’ jiehu hsieb igib it-*tiles* minn barra, l-*istudio* kien jiffunzjona sew mill-bidu, u l-attur ma kienx ikollu jiehu x-xoghol ta’ registra[z]zjoni x’imkien iehor u jhallas ghalih.

“Ghalhekk id-danni li sofra l-attur minhabba f’dan in-nuqqas tal-konvenut huma s-somma ta’ hames mija u erbghin lira (LM540) li hallas l-attur biex ir-registrazzjonijiet isiru fi *studios* ta’ terzi sakemm tqieghdu l-*acoustic tiles.*

“Dwar in-nuqqas ta’ *circuit diagrams*, l-attur ma ressaq ebda xiehda dwar id-danni li sofra minhabba f’dan in-nuqqas, u ghalhekk ebda danni ma jistghu jigu likwidati.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors pprezentata fl-4 ta’ April, 2002, talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat.

Is-socjeta` attrici appellata, debitament notifikata bir-rikors ta’ l-appell ma intavolat ebda risposta.

L-aggravji tal-konvenut appellanti huma s-segwenti:-

[7] Ara x-xiehda ta’ Dr Richard Vella Laurenti fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 1997, foll. 45 et seqq.

1. Li hu ma kienx tenut jiehu hsieb l-akustika.
2. Li gew likwidati danni minghajr prova ta' telf.
3. Li ma kellux jigi kundannat ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza meta ma gietx pruvata t-tieni talba attrici.
4. Li l-imghax ma kellhomx jigu akkordati mill-gurnata tac-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**Dwar l-akustika.**

Fis-sentenza appellata nsibu li, wara li l-ewwel Qorti rriproduciet dak li kien qal il-konvenut dwar l-inkarigu lilu moghti, u cioe` meta cahad kategorikament l-involviment tieghu dwar akustika, l-istess Qorti qalet hekk:
"*Fil-fehma tal-Qorti huwa zbaljat l-argument tal-konvenut illi, ghax il-ftehim specifikament isemmi biss* sound-proofing, *mela seta' ma jiehux hsieb ukoll ta' l-akustika waqt li jkun qieghed jaghmel is-sorveljanza tax-xoghoijiet. Il-hsieb tal-partijiet kien illi l-attur ikollu* recording studio *tajjeb ghall-ghanijiet mahsuba ghalih, u ma jistax ghalhekk il-konvenut ighid illi kien responsabbli ghal* sound-proofing *biss. Barra minn hekk, il-ftehim imkien ma jghid illi l-konvenut kellu jiehu hsieb ta'* sound-proofing *biss; ….*"

Il-konvenut appellant qed isostni fir-rikors ta' l-appell li "*ma kien hemm ebda prova diretta jew indiretta li setghat twassalha* (il-Qorti) *sabiex tikkonkludi li l-esponenti kien responsabbli ta' l-akkustika* (sic) *ukoll.*" In effetti l-appellant jargument, korrettament, fil-fehma ta' din il-Qorti, li "*hemm distinzjoni cara bejn inkarigu ta' akustika u dak ta' sound-proofing. Wahda ma tinkludiex lill-ohra.*" F'dan il-konvenut ghandu ragun. In fatti d-definizzjoni li wiehed isib fid-dizzjunarju ghall-frazi "*sound-proofing*" hija "*To make sound proof*" ossia "*Resistant to the penetration or spread of sound*"[8]. Cioe` li b'mezzi idoenei ma tippermettix li l-hoss '*sound'* jghaddi minn ambjent ghall-iehor. Mentri fl-istess dizzjunarju nsiebu li l-kelma "*acoustics*" ghandha tiftiehem bhala (1) *That branch of physics which treats of*

[8] Ara Funk & Wagnalls 'Standard Dictionary- of the English Language' Vol.II.

*the phenomena and laws of sound: construed as singular*, u (2) *The sound producing qualities of an auditorium: construed as plural*. Fl-istess dizzjunarju nsiebu li '*acoustician*' huwa definit bhala "*A specialist in the theory of acoustics and of its practical application, especially one who acts as a consultant to architects and engineers.*" Minn dan jidher li hemm distinzjoni netta bejn '*sound-proofing*' u '*acoustics*'.

Dan premess, izda, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut naqas fl-ezekuzzjoni ta' l-inkarigu tieghu sew billi naqas li jirrendi l-ambjent "*sound-proof*" kif ukoll ghax naqas li jipprovdi l-'*acoustic*' tiles li kienu gew specifikatament imsemmija fil-kuntratt ta' l-appalt Dok. A.

Fid-dokument A anness mac-citazzjoni, fost l-'*items to be used in the studio* ' jissemmew (taht item 4) "*Fitted carpet and acoustic tiles.*" Izda ghalkemm it-tapit gie istallat, jirrizulta li l-'*acoustic tiles'* ma tpoggewx billi, skond l-istess konvenut, dawn ma kienux jinsabu fis-suq lokali. Ghalkemm l-istallazzjoni ta' '*acoustic tiles*' ma tirrendiex lill-konvenut espert f'materja ta' akustika, u lanqas ma jaghmel l-appalt wiehed ta' provigionament ta' akustika oltre '*sound-proofing',* certament dan in-nuqqas gab rizultat insodisfacjenti ghall-attur u bhala rizultat sofra d-danni reklamati. Dwar is-'*sound-proofing*' ukoll jidher li x-xoghol ma kienx ezegwit skond is-sengha u l-arti. Mix-xiehda in kontro ezami ta' Vincent Degiorgio (fol. 77) – xhud dan li, minn dak li qal, jidher li ma ghandux konoxxenza tajba tad-differenza bejn '*sound-proofing'* u '*acoustics*' – jirrizulta li s-'*sound-proofing'* ezegwit mill-konvenut, ma kienx kif rikjest, tant hu hekk li dan ix-xhud qal hekk: "Li kien gara kien li kien hemm is-'*sound*' ighaddi minn go kamra ghall-ohra." F'dan l-aspett, ghalhekk, jidher li l-konvenut kien inadempjenti. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar id-danni.**

Dwar id-danni akkordati qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kienet skorretta fid-decizzjoni taghha billi, skond il-konvenut, dawn ma gewx akkordati minhabba

inadempjenza izda minhabba dewmien. Inoltre qed jinghad li ma hemmx prova preciza dwar it-telf subit mill-attur.

Dan l-aggravju mhux gustifikat billi jidher ampjament li d-danni li gew akkordati kienu in rifuzjoni ta’ spejjez li l-attur kellu jisborsa biex jaghmel ir-‘*recording’* fi *studio* iehor minhabba l-fatt li l-konvenut ma kienx ezegwixxa x-xoghol korrettament. Ir-referenza ghad-dewmien li saret fis-sentenza hija intenzjonata biss biex tenfasizza l-fatt li l-konvenut kien inadempjenti, u li, bhala konsegwenza, l-attur ma setghax ‘jirregistra’ fl-i*studio* tieghu ghall-certu zmien, u, minhabba f’hekk, inkorra fi spejjez. Dan ghax il-konvenut ma kienx ghamel sew dak li kien gie inkarigat.

**Dwar l-ispejjez tal-kawza.**

F’dan l-aggravju l-konvenut appellant qed jissottometti li (l-ewwel Qorti) “*ma kienetx preciza fil-fatt li kkundannat lill-esponenti sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza meta evidentement l-attur[i] ma ppruvawx t-tieni talba taghhom. Dan fih innifsu kellu jkollu temperament fl-ispejjez u ghalhekk ma jigux kollha mixhuta fuq l-esponenti.*”

Minn ezami tat-talbiet attrici din il-Qorti ma tistax tifhem xi jrid ighid l-appellant b’dan l-aggravju. Ic-citazzjoni attrici fiha zewg talbiet, wahda marbuta ma’ l-otteniment ta’ dikjarazzjoni li x-xoghol esegwit mill-konvenut kien hazin u mhux skond is-sengha. L-ohra, konsegwenzjali ghall-ewwel talba, li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti u kundanna ta’ dawk id-danni li jigu likwidati. Minn qari tas-sentenza appellata jidher car li l-ewwel Qorti laqghat t-talbiet kollha proposti billi mhux biss sabet li l-konvenut kien naqas fl-ezekuzzjoni tax-xoghol intrapriz, talli ghaddiet biex tillikwida d-danni, fuq il-provi mressqa mill-partijiet, u kkundannat lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

**Dwar l-imghaxijiet.**

L-ilment hawn jikkoncerna l-kundanna ta’ l-imghax kif mitlub fic-citazzjoni. L-appellant qed isostni li dawn l-

imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tac-citazzjoni billi, skond l-istess konvenut appellant, d-danni gew likwidati "*arbitrio boni viri*" mill-ewwel Qorti. Donnu li l-argument ta' l-appellant huwa marbut mal-massima latina "*In liquidandis non fit mora*", pero' jirrizulta li d-danni la kienu incerti u lanqas ma jirrizulta li gew likwidati "*arbitrio boni viri"*. Infatti l-Qorti akkordat lill-attur l-ammont imsemmi fic-citazzjoni fl-intier tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-imghaxijiet kellhom jibdew jiddekorru mid-data tac-citazzjoni (Ara art. 1141 (2) tal-Kap 16).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza kollha kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------